

Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għoddha ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B

**DIRETTIVA 2008/28/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tal-11 ta' Marzu 2008**

li temenda d-Direttiva 2005/32/KE li tistabbilixxi qafas għall-iffissar tar-rekwiżiti għall-eko-disinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija, kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE u d-Direttivi 96/57/KE u 2000/55/KE, rigward il-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implantazzjoni konferiti lill-Kummissjoni

(ĠU L 81, 20.3.2008, p. 48)

Emendata minn:

Ġurnal Uffiċjali

	Nru	Paġna	Data	
►M1	Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009	L 285	10	31.10.2009

**▼B****DIRETTIVA 2008/28/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U  
TAL-KUNSILL****tal-11 ta' Marzu 2008**

**li temenda d-Direttiva 2005/32/KE li tistabbilixxi qafas għall-iffissar tar-rekwiżiti għall-eko-disinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija, kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE u d-Direttivi 96/57/KE u 2000/55/KE, rigward il-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>(1)</sup>,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat<sup>(2)</sup>,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2005/32/KE<sup>(3)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif ukoll it-tliet Direttivi li jikkostitwixxu miżuri ta' implimentazzjoni fis-sens ta' l-Artikolu 15 tagħha, jiġifieri d-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-ħtiġiet ta' effiċjenza għal kalda runi tal-misħun ġodda li jaħdmu b'karburanti likwidji jew gassużi<sup>(4)</sup>, id-Direttiva 96/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Settembru 1996 fuq ħtiġiet ta' effiċjenza fl-enerġija għall-friġġijiet, friżers elettriċi domestiċi u kombinazzjonijiet tagħhom<sup>(5)</sup>, u d-Direttiva 2000/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar il-ħtiġiet ta' effiċjenza fl-enerġija ta' alimentaturi għal dawl fluorexxenti<sup>(6)</sup>, jistipulaw li ċerti miżuri għandhom ikunu adottati b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni<sup>(7)</sup>.
- (2) Id-Deċiżjoni 1999/468/KE ġiet emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE, li introduċiet proċedura regolatorja bi skrutinju għall-adozzjoni ta' miżuri ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u mfassla biex jemendaw elementi mhux essenziali ta' strument bażiķu adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, fost l-oħra jekk billi tħassar xi wħud minn dawk l-elementi jew billi tissupplimenta l-instrument biż-żieda ta' elementi mhux essenziali oħra.

(<sup>1</sup>) ĠU C 161, 13.7.2007, p. 45.

(<sup>2</sup>) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Luuġu 2007 (għadha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċċjal) u Deċiżjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 2008.

(<sup>3</sup>) ĠU L 191, 22.7.2005, p. 29.

(<sup>4</sup>) ĠU L 167, 22.6.1992, p. 17. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2005/32/KE.

(<sup>5</sup>) ĠU L 236, 18.9.1996, p. 36. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2005/32/KE.

(<sup>6</sup>) ĠU L 279, 1.11.2000, p. 33. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2005/32/KE.

(<sup>7</sup>) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

**▼B**

- (3) Skond id-Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u l-Kummissjoni (<sup>1</sup>) dwar id-Deċiżjoni 2006/512/KE, sabiex il-proċedura regolatorja bi skrutinju tkun applikabbi għal strumenti adottati bi qbil mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat li huma digħi fis-seħħ, dawk l-strumenti għandhom jiġu aġġustati skond il-proċeduri applikabbi.
- (4) Id-dikjarazzjoni tħalli lista ta' atti li għandhom ikunu aġġustati b'urġenza, inkluża d-Direttiva 2005/32/KE. L-aġġustament ta' dik id-Direttiva jeħtieġ l-aġġustament tad-Direttivi 92/42/KEE, 96/57/KE u 2000/55/KE.
- (5) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li temenda jew tirrevoka d-Direttivi 92/42/KEE, 96/57/KE u 2000/55/KE. Tali emendi jew revoki għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.
- (6) Barra minn hekk il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta miżuri ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu rekwiżiti ta' eko-disinn għal prodotti definiti li jużaw l-energijsa, inkluż l-introduzzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni waqt il-perjodu tranziżorju, u li jinkludu fejn ikun xieraq dispożizzjonijiet dwar l-ibbilanċjar ta' diversi aspetti ambjentali. Peress li dawk il-miżuri huma ta' kamp ta' applikazzjoni ġenerali u mfassla biex jemendaw elementi mhux esenzzjali ta' d-Direttiva 2005/32/KE billi jiissuplimentawha biż-żieda ta' elementi ġoddha mhux esenzzjali, għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura regolatorja bi skrutinju.
- (7) Id-Direttiva 2005/32/KE, kif ukoll id-Direttivi 92/42/KEE, 96/57/KE u 2000/55/KE, għandhom għalhekk jiġu emendati f'dan is-sens.
- (8) Peress li l-emendi għad-Direttiva 2005/32/KE, kif ukoll għad-Direttivi 92/42/KEE, 96/57/KE u 2000/55/KE permezz ta' din id-Direttiva huma ta' natura teknika li jikkonċernaw biss il-proċedura ta' kumitat, m'hemmx il-ħtieġa li dawn ikunu trasposti mill-Istati Membri. Għalhekk ma jinhiegx li jkunu stabbiliti dispożizzjonijiet biex isir dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

**▼M1****▼B***Artikolu 2***Emenda għad-Direttiva 92/42/KEE**

Fl-Artikolu 10a tad-Direttiva 92/42/KEE, il-kliem “skond l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2005/32/KE” għandhom jinbidlu bil-kliem “skond l-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2005/32/KE”.

*Artikolu 3***Emenda għad-Direttiva 96/57/KE**

Fl-Artikolu 9a tad-Direttiva 96/57/KE, il-kliem “skond l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2005/32/KE” għandhom jinbidlu bil-kliem “skond l-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2005/32/KE”.

(<sup>1</sup>) ĠU C 255, 21.10.2006, p. 1.

**▼B**

*Artikolu 4*

**Emenda għad-Direttiva 2000/55/KE**

Fl-Artikolu 9a tad-Direttiva 2000/55/KE, il-kliem “skond l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2005/32/KE” għandhom jinbidlu bil-kliem “skond l-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2005/32/KE”.

*Artikolu 5*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċċiali tal-Komunitajiet Ewropej.

*Artikolu 6*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.